MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 186/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josephine Zammit**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva b’att ta’ citazzjoni kontra Josephine Zammit, bint Joseph u Pauline nee Bugeja, imwielda fl-1 ta’ Frar 1968, detentrici tal-karta tal-identita` nru 73168M, talli fl-4 ta’ Mejju 2008 ghall-habta tas-sebgha ta’ filghaxija f’Ta’ Qali, limiti tar-Rabat (**1**) kisret il-bon-ordni u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied, (**2**) hebbet ghall-persuna ta’ Darren Woodhead u kkagunatlu feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifikat Dr Odette Pace tal-Poliklinika tar-Rabat; l-ewwel qorti kienet mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghall-harsien ta’ Darren Woodhead;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Josephine Zammit hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, ikkundannatha multa ta’ hamsin ewro (Euro 50) u rabtitha, taht penali ta’ mija u hdax-il ewro (Euro 111) fin-nuqqas, li ma timmolestax lil Darren Woodhead ghal periodu ta’ sitt xhur mid-data ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Josephine Zammit, minnha pprezentat fid-19 ta’ Gunju 2008, li permezz tieghu hija talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 2008; ikkunsidrat:

It-tliet aggravji ta’ l-appellanti jirriducu ruhhom, bazikament, ghal aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti malament sabitha hatja skond l-imputazzjonijiet kif kontra taghha dedotti. Skond l-appellanti, hija ma ghamlet xejn minn dak li qed jinghad li hija ghamlet, anzi kienet hi li giet aggredita minn Woodhead.

Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma’ *viva voce* ix-xhieda principali f’din il-kawza, cioe` lil Darren Woodhead u lil martu Amanda Woodhead minn naha, u lill-appellanti min-naha l-ohra. Il-verzjonijiet ta’ naha u ta’ ohra huma kontrastanti: filwaqt li Woodhead ighid li Zammit aggredietu billi ggranfatu meta qabditu minn idu, u li hu kullma ghamel kien li, biex jiddefendi ruhhu, imbuttaha, Zammit tghid li appena Woodhead wasal fejn kienet hi, hu imbuttaha b’sahhtu b’mod li waqghet ma’ l-art, u li kif hi qamet hu xejjrilha daqqa b’idejh fuq ghajnejha b’mod li l-ghada zviluppathilha anke *black eye.* Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li c-certifikat mediku li jirrigwarda lill-appellanti, rilaxxjat dik il-gurnata stess tal-incident (ara fol. 39), aktar javalla l-verzjoni ta’ l-appellanti milli dik ta’ Darren Woodhead u ta’ martu. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti tara li hemm dubju serju dwar il-verzjoni moghtija mill-konjugi Woodhead, dubju li ghandu jwassal biex l-appellanti tigi liberata mill-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellanti Josephine Zammit minn kull imputazzjoni, htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------